**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**-vs-**

**Richard Pace, detentur tal-karta tal-identita numru 139079M**

***Kumpilazzjoni Nru. 569/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Richard Pace, u ċioè talli:

Nhar is-16 ta' Mejju, 2015, ghall-habta ta' 21:00hrs, gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-partner tieghu bl-isem ta' Denyse Scerri, skond kif iccertifikat minn Dr. Paul Mazzo M.D.;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' din il-persuna hawn imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghha.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjoni li ngabet kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, in-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 216 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Inoltre` biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza, Denyse Scerri u l-familjari taghha, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna li jista` jirrikjedi dwar *anger management*

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordnijiet fuqu impost.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**